# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Mejju, 2022**

**Numru 11**

**Rikors Numru 230/21TA**

**EtaS&S Electromechanical Supplies and Services Limited (C 16537)**

**vs**

**SportMalta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta` kummerċjali EtaS&S Electrical Supplies and Services Ltd (is-Soċjeta' Attriċi) tat-12 ta' Marzu 2021 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"1. Illi s-soċjeta` esponenti ġiet inkarigata tissuplixxi equipment u twettaq xogħolijiet u servizzi ta' inġinerija fis-Shooting Range li tinsab f'Ta' Kandja a karigu ta' SportMalta, liema xogħolijiet jammontaw għas-somma ta' wieħed u għoxrin elf, tlett mija u seba' Euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€21,307.64) kif jidher fl-invoice datata 21 ta' Ottubru 2019 hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. A';

2. Illi l-intimata, minkejja li ġiet interpellata tħallas, anke permezz ta' ittra legali datata 3 ta' Settembru 2020 li kopja qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument "B" baqgħet inadempjenti;

3. Illi għalhekk, l-intimata hija debitriċi tal-imsemmija soċjeta` attriċi EtaS&S Electromechanical Supplies and Services Limited fis-somma komplessiva ta' wieħed u għoxrin elf, tlett mija u seba' Euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€21,307.64);

4. Illi d-debitu hawn imsemmi huwa ċert, likwidu u dovut, u l-intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti għat-talba tar-rikorrenti;

5. Illi r-rikorrenti, tramite id-direttur tagħha, qiegħda bil-ġurament tagħha tiddikjara illi fil-fehma tagħha l-intimata m'għandhiex difiża x'tagħti kontra t-talba attriċi.

Għaldaqstant, in vista tal-premess, s-soċjeta` attriċi titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:

1. Tiddeċiedi li tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna d-dispensa mis-smiegħ tal-kawża b'applikazzjoni ta' artikolu 167 *et seq* ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara SportMalta debitriċi fil-konfront tas-soċjeta` EtaS&S Electromechanical Supplies and Services Limited fis-somma komplessiva ta' wieħed u għoxrin elf, tlett mija u seba' Euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€21,307.64) rappreżentanti l-bilanċ ta' dejn ċert, likwidu, u li għalaq;

3. Tikkundanna lill-istess intimata tħallas lill-esponenti l-imsemmija somma ta' wieħed u għoxrin elf, tlett mija u seba' Euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€21,307.64);

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru Nru /21 li qiegħed jiġi ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża u bl-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena ikkalkolati mill-21 ta' Ottubru 2019 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimata li r-rappreżentanti tagħha huma nġunti minn issa in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' SportsMalta (il-konvenuta) tal-14 ta' Mejju 2021 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"1. Illi, preliminarjament, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra s-soċjeta rikorrenti għas-segwenti ragunijiet;

2. Illi SportMalta qatt ma daħlet fi trattazzjoni, qabdet, ordnat jew awtorizzat xi xogħlijiet lis-socjeta rikorrenti EtaS&S Electromechanical Supplies and Services Limited kif tikkonferma l-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **Dok A;**

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost mir-riċerki li saru irriżulta illi l-intimata SportMalta ġiet ukoll interpellata tħallas l-istess ammont ta' €21,051.21 lis-soċjeta Interactive Services Ltd, għall-istess xogħlijiet li s-soċjeta rikorrenti qed tallega li wetqet **(DokB);**

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost is-soċjeta rikorrenti naqset li ġġib il-provi li kienet SportMalta li ordnat dawn ix-xogħlijiet, provi fosthom, milli ġġib prova tal-Local Purchase Order (LPO) jew kwalunkwe dokumentazzjoni oħra dwar l-ammont li minnha qed jiġi pretiż;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-kawża.

Semgħet ix-xhieda imressqa mill-partijiet fid-dekors ta' dawn il-proċeduri.

Rat li Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza:

**Punti ta' fatti**

**1.** Is-Soċjeta` Attriċi ssuplixxiet u wettqet xogħolijiet u rrendiet servizzi ta' inġinerija fix-Shooting Range li tinsab f'Ta' Kandja, liema range huwa ġestit mill-konvenuta SportMalta. Illi x-xogħol li wettqet is-Soċjeta` Attriċi jammonta għal €21,307.64 u dan anke kif jirriżulta minn invoice datata 21 ta' Ottubru 2019.

**2.** Is-Soċjeta' Attriċi interpellat lill-konvenuta SportMalta sabiex tgħaddi għall-ħlas, iżda baqgħet ma weġbitx. Illum il-konvenuta SportMalta qegħda tgħid, li hi ma nkarigatx lis-Soċjeta` Attriċi tagħmel dawn ix-xogħolijiet. Għalhekk minħabba li baqa' ma sarx il-ħlas mitlub, is-Soċjeta' Attriċi għamlet il-Kawża odjerna.

## Punti ta' Liġi

**3.** Huwa ċar li l-azzjoni esperita mis-Soċjeta' Attriċi hija dik għall-ħlas ta' servizzi u xogħolijiet li minnhom ibbenefikat il-konvenuta SportMalta. Għalhekk, l-azzjoni hija waħda għall-kreditu fl-ammont fuq imsemmi.

## Konsiderazzjonijiet

**4.** Jibda biex jingħad li mill-provi jirrisulta li x-xogħoljiet li ssemmi s-Soċjeta' Attriċi tassew saru u saru għall-benefiċċju tal-konvenuta. Dan huwa fatt, li l-konvenuta ma tmerihx u ma tinnegahx, l-anqas fl-eċċezzjonijiet tagħha. Li tgħid hu, li hi ma inkarigatx lis-Soċjeta' Attriċi biex tagħmel dawn ix-xogħoljiet għalkemm jirriżulta li xorta żammithom.

**5.** Kultant, huwa misteru ta' kif isiru l-affarijiet f'sitwazzjoni simili. Bħala fatti jirrisulta, li s-Soċjeta` Attriċi ġiet mqabbda minn ċertu Samuel Abela, electrician li jidher li wkoll kien qiegħed jagħmel xi xogħolijiet fir-Range. Dan qallu li waħdu ma jistax jagħmlu u li kien ser isiefer. Martin Cutajar, rappresentant tas-Soċjeta' Attriċi jixhed, li ma jiftakarx ma' min tkellem fi SportsMalta. Għalkemm jgħid li ġieli tkellem ma' uffiċjali. L-anqas l-uffiċċji tagħha ma mar u dejjem ikkomunika magħha *by word of mouth*. Jekk intbagħtu *emails* ma għadx għandu kopja tagħhom. (fol 16 et sequens).

**6.** F'waħda mill-ittri li bagħat lill-konvenuta SportMalta għid, li "*All work was carried out under request and instructions of Mr. Frankie Cauchi"* (a' fol 28). Dan ix-xogħol dam bejn wieħed u ieħor xahar għaddej u ħadd ma staqsih min huma jew min qabbadhom. Anzi l-project manager Jetro

Azzopardi kien iċempillu anke l-Ħdud għax-xogħol (a' fol 36 tergo u 38 tergo). Oħroġ il-għaġeb, Denise Sultana De Raffaele, li taħdem fid-dipartiment tal-finanzi tal-konvenuta SportMalta, tixhed li ma sabet ebda traċċja li s-Soċjeta' Attriċi tat servizzi lil SportsMalta fuq il-proġett tax-Shooting Range u saħansitra tgħid li l-anqas Samuel Abela ma ħadem fuq dan il-proġett. (a' fol 56). Ġaladarba l-anqas din il-persuna ma kienet magħrufa għal SportsMalta, u għalhekk ma kienx xi wieħed mill-kuntratturi, l-anqas forsi ma jista' jkun argumentat, li s-Soċjeta' Attriċi kienet sub-appaltatriċi tal-imsemmi u li għalhekk ir-relazzjoni ġuridika kienet miegħu.

**7.** Il-konvenuta SportMalta provat targumenta, li kreditu li qed ikun raklamat mis-Soċjeta' Attriċi huwa l-istess wieħed li irċeviet minn kumpanija oħra Interactive Services Limited. Il-Qorti pero' tinnota, li għalkemm l-ammont li kienet qed titlob din il-Kumpanija kien joqrob lejn dak li qed tirriklama is-Soċjeta' Attriċi f'din il-kawża, ma hux preċiżament l-istess. Is-Soċjeta' Attriċi qed titlob ħlas ta' €21,307.64 mentri dak tas-Soċjeta' l-oħra huwa ta' €21,051.20. Apparti dan, Martin Cutajar jgħid, li s-Soċjeta' Attriċi ma għandha xejn x'taqsam mas-Soċjeta' l-oħra. Di piu', dan jispjega ukoll li x-xogħol li kienet għamlet dik is-Soċjeta' huwa differenti minn dak li tagħmel is-Soċjeta' Attriċi (ara a' fol 32 et sequens).

**8.** Di piu', kif diġa' senjalat aktar 'l fuq, il-project Manager Jetro Azzopardi, li ċertament kien qiegħed jaġixxi fl-interess tal-konvenuta SportsMalta, kien f'kuntatt kontinwu mas-Soċjeta' Attriċi waqt li kienu qegħdin isiru x-xogħolijiet. Ħaġa stramba ukoll, li s-Soċjeta' Attriċi damet

xahar taħdem fuq dan ir-Range u saħansitra dejjem kienu jitolbuha żieda u addizzjonijiet fis-servizzi li kienet qed tirrendi. Il-Qorti temmen dak li qalet is-Soċjeta' Attriċi, li fil-mument li bdiet tirrendi s-servizzi tagħha, kien hemm paniku sabiex il-proġett jispiċċa malajr, possibilment minħabba xi avveniment partikulari. Jibqa' ukoll il-fatt, li x-xogħol kollu ġie aċċettat mill-konvenuta SportMalta u baqa' hemm għall-benefiċċju tagħha.

**9.** F'ċirkostanzi bħal dawn, ħadd ma huwa mistenni li jagħti xogħlu mingħajr ħlas. Infatti l-**Qorti ta' l-Appell Superjuri fis-sentenza fl-ismijiet Nicky Saliba -vs- Kunsill Lokali tan-Nadur**, saħqet hekk: "*Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principji illi sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratwita, min jippresta s-servizzi tieghu* <u>*taht kwalsiasi forma*</u>*, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg tal-principju illi "Omnia labor, optat premium."* (Emfażi tal-Qorti u ara ukoll **sentenza fl-ismijiet Nutar Dr. Remigio Zammit Pace -vs- Sunrise Park Hotels Ltd. et, App Ċiv, tal-20 ta' Novembru 2009**).

**10.** Il-Qorti hija tal-fehma, li dan il-prinċipju huwa ukoll applikabbli għaċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha din il-Qorti u b'hekk tqis, li t-talba għall-ħlas tas-Soċjeta' Attriċi hija ġustifikata.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod li ġej:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** kollha tal-konvenuta SportsMalta.

**Tastjeni milli** tipprovdi dwar l-ewwel talba stante li hi eżawrita.

**Tilqa' it-tieni talba** Attriċi.

**Tilqa' t-tielet talba** Attriċi u tikkundanna lill-konvenuta SportMalta tħallas lis-Soċjeta' Attriċi s-somma ta' wieħed u għoxrin elf tlett mija u sebgħa punt erbgħa u sittin ċenteżmu tal-ewro (€21,307.64) bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-kawża u kif mitluba a' karigu tal-konvenuta SportMalta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**